KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI JÄÄSKINEN
ippreżentati fil-15 ta' Lulju 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tidħol fil-kuntest tal-adozzjoni, mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ta' dispożizzjonijiet legali li wessgħu s-sistema obbligatorja tal-assigurazzjoni għall-mard għall-persuni kollha li jirresjedu jew li jaħdmu fit-territorju nazzjonali, filwaqt li s-sistema li kien hemm qabel kienet teskludi parti minn din il-popolazzjoni, li kellha bilfors tidħol f'kuntratti tal-assigurazzjoni privata sabiex tkun koperta. L-imsemmija emenda tirriżulta mil-liġi dwar l-assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa (Zorgverzekeringswet, iktar 'il quddiem iż-"ZVW"), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006 u li ġiet segwita bil-liġi dwar l-applikazzjoni u l-adattament tal-liġi dwar l-assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa (Invoerings- en aanpassingswet Zorgverzekeringswet, iktar 'il quddiem l-"IZVW").

2. Din ir-riforma laqtet ukoll lill-persuni li jirresjedu fi Stati Membri oħra, li skont ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71[2], jistgħu jkunu intitolati għal benefiċċji *in natura* f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza tagħhom, u dan a spejjeż tal-Istat li jagħtihom pensjoni ta' rtirar mix-xogħol jew tal-inkapaċità għax-xogħol, jiġifieri r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. Il-leġiżlatur Olandiż obbliga lil dawn il-persuni jirreġistraw ruħhom mal-College van zorgverzekeringen (Kunsill tal-Assigurazzjoni għall-Kura tas-Saħħa, iktar 'il quddiem is-"CVZ") u jħallsu kontribuzzjonijiet, anki jekk ma jkunux irreġistrati fl-istituzzjoni tal-post ta' residenza kif previst fir-Regolament (KEE) Nru 574/72[3].

3. Is-sitt rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestaw din is-sistema l-ġdida, billi

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni emendata bir-Regolament (KE) Nru 118/97 tal-Kunsill, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 392, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71"). Nippreċiża li dan ir-regolament ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 592/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, u li r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72) huwa intiż sabiex jirrevokah jew jissostitwih.

3 — Regolament tal-Kunsill, tal-21 ta' Marzu 1972, li jistipula l-proċedura għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 83), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 311/2007, tad-19 ta' Marzu 2007 (ĠU L 56M, p. 143, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 574/72").

ppreċiżaw li, skont l-informazzjoni pprovduta minn wieħed minnhom, iktar minn 100 000 persuna li jibbenefikaw esklużivament minn pensjoni Olandiża jgħixu fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat firmatarju ta' trattat li jagħtihom drittijiet ekwivalenti għal dawk previsti bir-Regolament Nru 1408/71. Fl-ilmenti tagħhom, huma sostnew li l-kontribuzzjonijiet li issa għandhom iħallsu qed jintalbu għal servizzi li huma jqisu inqas vantaġġjużi minn dawk li kienu jibbenefikaw minnhom bl-assigurazzjoni privata li kellhom. Huma argumentaw ukoll li sabu ruħhom f'pożizzjoni inqas favorevoli mir-residenti tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi billi dawn tal-aħħar kellhom il-possibbiltà li jiksbu assigurazzjoni privata flimkien ma' tariffi nnegozjati u ggarantiti mill-Istat, filwaqt li tali possibbiltà ma kinitx prevista għalihom.

4. F'dan il-kuntest, is-Centrale Raad van Beroep (il-Pajjiżi l-Baxxi) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk persuni koperti minn assigurazzjoni soċjali, f'dan il-każ persuni li għandhom dritt għal pensjoni li jirresjedu fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni, jistgħux jagħżlu li ma jkunux suġġetti għas-sistema legali tal-assigurazzjoni għall-mard li tapplika għalihom skont il-liġi tal-Unjoni u, għalhekk, jekk jistgħux jiġu eżentati mill-ħlas ta' kontribuzzjonijiet li huma mitluba jħallsu minn dan l-aħħar Istat.

5. Skont it-talba tal-qorti tar-rinviju, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, din ingħatat prijorità abbażi tal-Artikolu 55(2)(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt tal-Unjoni*

— It-Trattat KE [4]

6. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 KE jistipula:

"Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri,

4 — L-Artikolu 18 KE u l-Artikolu 39 KE saru l-Artikolu 21 TFUE u l-Artikolu 45 TFUE. Madankollu, peress li din il-kawża tittratta prinċipalment l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Olandiża fil-verżjoni tagħhom ta' qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-1 ta' Diċembru 2009, ser isir riferiment għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE skont l-enumerazzjoni applikabbli qabel din id-data.

salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Trattat u d-disposizzjonijiet meħuda biex dan jitwettaq".

7. L-Artikolu 39 KE jipprovdi li:

"1. Għandu jkun żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan il-Komunità.

2. Dan jimplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza bejn il-ħaddiema ta' l-Istati Membri dwar l-impjieg, il-paga u l-kondizzjonijiet l-oħra tax-xogħol.

3. Għandu jinkludi d-dritt, bla ħsara għal-limitazzjonijiet gustifikati minħabba ordni pubbliku, sigurta' pubblika u saħħa pubblika:

a) li jaċċetta offerti ta' impjieg li jkunu saru;

b) li jispostja ruħu liberament għal dan l-iskop fit-territorju ta' l-Istati Membri;

c) li joqgħod f'kull Stat Membru sabiex jaħdem f'impjieg skond il-liġijiet, regolamenti u regoli amministrattivi li jirregolaw l-impjieg tal-ħaddiema ta' dak l-Istat;

d) li jgħix fit-territorju ta' Stat Membru wara li jkun okkupa impjieg hemm, bil-kondizzjonijiet li l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun soġġetta għal regolamenti li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

[…]"

— Ir-Regolament Nru 1408/71

8. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi:

"Għall-iskop ta' dan ir-Regolament:

'(a) persuna impjegata u persuna li taħdem għal rasha jfissru rispettivament:'

(i) [....] kull persuna li għandha polza ta' l-assigurazzjoni, bil-fors jew b'għażla fuq bażi kontinwa, għall-waħda jew iktar mill-kontinġenzi koperti mill-friegħi ta' skema tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati;

[...]"

9. L-Artikolu 2(1) tal-istess regolament jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ħaddiema li huma jew kienu soġġetti għall-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar u li huma ċ-ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri jew li huma persuni mingħajr Stat jew rifuġjati li jirrisjedu ġewwa t-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom u s-superstiti tagħhom."

10. Skont l-Artikolu 4(1)(a) tiegħu, ir-Regolament Nru 1408/71 għandu japplika *ratione materiae* għal-leġiżlazzjoni kollha rigward il-friegħi tas-sigurtà soċjali li jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-"benefiċċji tal-mard".

11. L-Artikolu 13 tal-imsemmi regolament, li jaqa' taħt it-Titolu II "Determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli", jipprovdi li:

"Regoli ġenerali

1. Bla ħsara għall-Artikoli 14ċ u 14f, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-liġijiet ta' Stat Membru wieħed biss. Dawk il-liġijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 14 sa:

[…]

f) persuna li għaliha tispiċċa li tkun valida il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, mingħajr ma ssir applikabbli għaliha leġislazzjoni ta' Stat ieħor skond waħda mir-regoli stipulata fis-sottoparagrafi li għaddew jew skond waħda mill-eċċezzjonijiet jew dispożizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikoli 14 u 17 tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tabita skond id-dispożizzjonijiet ta' dik il-leġislazzjoni biss."

12. It-titolu III tar-Regolament Nru 1408/71 fih id-"Dispożizzjonijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu mal-kategoriji differenti tal-benefiċċji" li għandu japplika għalihom taħt l-Artikolu 4(1) tiegħu. Il-Kapitolu 1 tat-Titolu III tal-imsemmi regolament jikkonċerna l-benefiċċji tal-mard u tal-maternità.

13. Taħt it-Taqsima 5 tal-imsemmi Kapitolu 1, intitolat "Il-pensjonanti u l-membri tal-familja tagħhom", l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71, bit-titolu "Pensjonijiet pagabbli taħt il-leġislazzjoni ta' Stat jew iktar, f'każijiet fejn m'hemm ebda dritt għall-benefiċċji fil-pajjiż tar-residenza", jipprovdi:

"1. Pensjonant li huwa intitolat għall-pensjoni taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew għall-pensjonijiet

taħt il-leġislazzjoni ta' tnejn jew iktar Stati Membri u li huwa intitolat għall-benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorji tiegħu huwa jabita xorta jirċievi tali benefiċċji għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu, dment li huwa jkun intitolat, waqt li kif suppost jittieħdu inkonsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18 u ta' l-Anness VI, taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru jew għallinqas ta' wieħed mill-Istati Membri kompetenti fejn jidħlu l-pensjonijiet kemm-il darba huwa kien jabita fit-territorju ta' tali Stat. Il-benefiċċji jkunu pprovduti taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-benefiċċji b'xi mod ikunu pprovduti f'isem l-istituzzjoni li għaliha saret riferenza fil-paragrafu 2 mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza bħallikieku l-persuna kkonċernata kienet pensjonant taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu huwa jabita u kien intitolat għal tali benefiċċji; […]

2. Fil-każijiet koperti mill-paragrafu 1, l-ispiża tal-benefiċċji b'xi mod issir mill-istituzzjoni kif stabbilit skond ir-regoli li ġejjin:

(a) fejn il-pensjonant huwa intitolat għall-imsemmija benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru singlu, l-ispiża ssir mill-istituzzjoni kompetenti ta' dak l-Istat;

(b) fejn il-pensjonant huwa intitolat għall-imsemmija benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' tnejn jew iktar Stati Membri, l-ispiża ta' dan ssir mill-istituzzjoni kompetenti ta' l-Istat Membru li għal-leġislazzjoni tiegħu kien suġġett il-pensjonant għall-itwal perjodu ta' żmien; kemm-il darba l-applikazzjoni ta' din ir-regola tirriżulta li diversi istituzzjonijiet huma responsabbli għall-ispiża tal-benefiċċji, din l-ispiża ssir mill-istituzzjoni li tkun tamministra l-leġislazzjoni li għaliha l-pensjonant kien suġġett l-aħħar.

[…]".

14. Fl-istess Taqsima, l-Artikolu 28a tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Pensjonijiet pagabbli taħt il-leġislazzjoni ta' wieħed jew iktar Stati Membri barra dak il-pajjiż tar-residenza fejn hemm dritt għall-benefiċċji fil-pajjiż ta' l-aħħar", jipprovdi:

"Fejn il-pensjonant intitolat għall-pensjoni taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed, jew għall-pensjonijiet taħt il-leġislazzjonijiet ta' tnejn jew iktar Stati Membri, jabita fit-territorju taħt Stat Membru li taħt il-leġislazzjoni tiegħu id-dritt tar-riċeviment tal-benefiċċji b'xi mod mhux suġġett għall-kondizzjonijiet ta' l-assigurazzjoni jew ta' l-impjieg, anqas mhi pagabbli ebda pensjoni, l-ispiża tal-benefiċċji b'xi mod pprovdut lilu u lill-membri tal-familja tiegħu jsiru mill-istituzzjoni ta' wieħed mill-Istati Membri kompetenti fejn jidħlu l-pensjonijiet, stabbiliti skond ir-regoli stipulati fl-Artikolu 28(2), sa tali punt li l-pensjonant u l-membri

tal-familja tiegħu kienu jkunu intitolati għal tali benefiċċji taħt il-leġislazzjoni amministrata mill-imsemmija istituzzjoni li kieku kienu jabitaw fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni."

15. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71, li jidher ukoll fit-Taqsima 5 tat-Titolu III, taħt il-Kapitolu 1 ta' dan ir-regolament:

"L-istituzzjoni responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni fi Stat Membru u li tamministra l-leġislazzjoni li tipprovdi għat-tnaqqis mill-pensjonijiet għal kontribuzzjonijiet f'każ ta' mard jew maternità għandha tkun awtorizzata li tagħmel dan it-tnaqqis ikkalkulat skond il-leġislazzjoni konċernata mill-pensjoni pagabbli minn din l-istituzzjoni b'mod li l-ispejjeż għall-benefiċċji mniżżla f'Artikoli 27, 28, 28a, 29, 31 u 32 għandhom jaqgħu fuq istituzzjoni ta' l-Istat Membru msemmi."

16. F'konformità mal-Artikolu 36(1) tar-Regolament Nru 1408/71, il-benefiċċji *in natura* pprovduti mill-istituzzjoni ta' Stat Membru f'isem l-istituzzjoni ta' Stat Membru ieħor, b'mod partikolari taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28, 28a u 33 ta' dan ir-regolament, għandhom jitħallsu lura għalkollox.

17. Il-paragrafu 1(a) sa (c) tat-Taqsima R tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71, li jikkonċerna l-"Proċeduri speċjali għall-implimentazzjoni ta' ċerti leġislazzjonijiet" jipprovdi:

"L-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa

(a) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-jedd għal benefiċċji f'beni taħt il-leġiżlazzjoni ta' l-Olanda, persuni intitolati għal benefiċċji f'beni għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tal-Kapitoli 1 u 4 tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament għandha tfisser:

(i) persuni li, skond l-Artikolu 2 taz-Zorgverzekeringswet (l-Att ta' l-Assigurazzjoni tal-Kura tas-Saħħa), huma obbligati li jkunu koperti b'assigurazzjoni ma' kumpanija tal-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa,

u

ii) sakemm ma jkunux jaqgħu diġà taħt il-punt (i), persuni li huma residenti fi Stat Membru ieħor u li, taħt ir-Regolament, huma intitolati għall-kura tas-saħħa fl-istat tar-residenza tagħhom, billi l-Olanda tkun qegħda tagħmel tajjeb għall-ispejjeż.

(b) Il-persuni li hemm referenza għalihom fil-punt (a)(i) għandhom, skond id-dispożizzjonijiet taz-Zorgverzekeringswet (l-Att ta' l-Assigurazzjoni tal-Kura tas-Saħħa) ikun assigurati ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa, u

l-persuni li hemm referenza għalihom fil-punt a(ii) għandhom ikunu rreġistrati mal-College voor zorgverzekeringen (il-Bord ta' l-Assigurazzjoni tal-Kura tas-Saħħa).

(ċ) Id-dispożizzjonijiet taz-Zorgverzekeringswet (l-Att ta' l-Assigurazzjoni tal-Kura tas-Saħħa) u l-Algemene wet bijzondere ziektekosten (il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni Ġenerali Kontra Spejjeż Mediċi Speċjali) li jikkonċernaw l-obbligu ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet għandhom jiġu applikati għall-persuni li hemm referenza għalihom taħt il-punt (a) u l-membri tal-familji tagħhom. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-membri tal-familja, il-kontribuzzjonijiet għandhom jinġabru mingħand il-persuna li minnha jkun ġej id-dritt għall-kura tas-saħħa."

— Ir-Regolament Nru 574/72

18. L-Artikolu 29 tar-Regolament 574/72, li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, jipprovdi, taħt it-titolu "Benefiċċji innatura għall-pensjonanti u l-membri tal-familji tagħhom li mhumiex residenti fi Stat Membru illi skond il-leġislazzjoni tiegħu huma ntitolati għall-benefiċċji":

"1. Sabiex jirċievi l-benefiċċji innatura fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn jirresjedi, skond il-paragrafu 1 u l-Artikolu 28a tar-Regolament, pensjonant u l-membri tal-familja tiegħu għandhom jirreġistraw ma' l-istituzzjoni tal-post tar-residenza billi jissottomettu dikjarazzjoni awtentikata li tiċċertifika illi huwa ntitolat għall-benefiċċji msemmija għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu, skond il-leġislazzjoni l-waħda jew l-oħra li fuqhom titħallas pensjoni.

2. Din id-dikjarazzjoni awtentikata għandha tinħareġ, fuq it-talba tal-pensjonant, mill-istituzzjoni jew minn waħda mill-istituzzjonijiet responsabbli għall-ħlas tal-pensjoni jew, fejn xieraq, mill-istituzzjoni mogħtija l-poter li tistabbilixxi id-dritt għall-benefiċċji innatura, hekk kif il-pensjonant jissodisfa l-kondizzjonijiet għall-kisba ta' dawn il-benefiċċji. Jekk il-pensjonant ma jissottomettix id-dikjarazzjoni awtentikata, l-istituzzjoni tal-post tar-residenza għandha tiksibha direttament mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjonijiet responsabbli mill-ħlas tal-pensjoni jew, fejn xieraq, mill-istituzzjoni mogħtija l-poter li toħroġ din id-dikjarazzjoni awtentikata. Filwaqt li tkun qiegħda tistenna din id-dikjarazzjoni awtentikata, l-istituzzjoni tal-post tar-residenza tista', fid-dawl tax-xhieda dokumentata aċċettata minnha, tirreġistra lill-pensjonant u l-membri tal-familja tiegħu proviżorjament. Din ir-reġistrazzjoni ma għandhiex tiġi applikata mill-istituzzjoni responsabbli mill-ħlas tal-benefiċċji innatura sakemm l-istituzzjoni tal-post tar-residenza ma tkunx bagħtet id-dikjarazzjoni awtentikata miġjuba fil-paragrafu 1."

19. Taħt l-Artikolu 95 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ir-rifużjoni tal-benefiċċji innatura provduti skond l-assigurazzjoni għall-mard u għall-maternità

lill-pensjonanti u lill-membri tal-familji tagħhom li ma humiex intitolati għall-benefiċċji skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru fejn jirresjedu":

"1. L-ammont ta' benefiċċji in natura pprovduti skond l-Artikoli 28(1), 28a u 29(1) tar-Regolament għandhom ikunu mogħtija lura mill-istituzzjonijiet kompetenti lill-istituzzjonijiet li jipprovdu l-benefiċċji msemmija, fuq bażi ta' somma waħda ta' flus li hija viċin kemm jista' jkun tan-nefqa li verament għamlu.

2. Is-somma waħda ta' flus għandha tkun stabbilita billi tiġi mmultiplikata l-medja annwali ta' l-ispejjeż per kapita bin-numru medju ta' pensjonanti u l-membri tal-familji tagħhom li jkunu meqjusa u billi jitnaqqas l-ammont li jirriżulta b'20 %.

3. Il-fatturi meħtieġa għall-kalkolu tas-somma waħda ta' flus msemmija għandha tkun stabbilita skond ir-regoli li ġejjin:

(a) il-medja annwali ta' l-ispiża per kapita għandha tinkiseb għal kull Stat Membru, billi tiġi diviża n-nefqa annwali tat-total tal-benefiċċji in natura pprovduti mill-istituzzjonijiet ta' dak l-Istat Membru lill-pensjonanti kollha li l-pensjoni tagħhom hija mħallsa skond il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru taħt l-iskemi ta' sigurtà soċjali li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni u lill-membri tal-familja tagħhom, bin-numru annwali medju ta' pensjonanti u membri tal-familja tagħhom; l-iskemi ta' sigurtà soċjali li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni għal din ir-raġuni huma speċifikati fl-Anness 9;

b) fin-negozjati bejn l-istituzzjonijiet ta' żewġ Stati Membri, in-numru medju annwali ta' pensjonanti u l-membri tal-familji tagħhom li għandhom ikunu meqjusa għandu jkun ugwali daqs in-numru medju annwali ta' pensjonanti u l-membri tal-familji tagħhom imsemmija fl-Artikolu 28(2) jew fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament li, filwaqt li jirrisjedu fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, għandhom dritt għall-benefiċċji in natura li huma a spejjeż fuq l-istituzzjonijiet ta' Stat Membru ieħor.

4. In-numru ta' pensjonanti u l-membri tal-familja tagħhom li għandhom jitqiesu skond il-paragrafu 3(b) għandu jkun stabbilit permezz ta' lista miżmuma għal dak il-għan mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza, ibbażat fuq xhieda dokumentata fornita mill-istituzzjoni kompetenti tad-drittijiet tal-persuni kkonċernati. Fil-każ ta' l-argument, l-osservazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet involuti għandhom jingħataw lill-Bord tal-Verifika pprovdut fl-Artikolu 101(3) tar-Regolament implimentattiv. […]"

— Id-Deċiżjoni Nru 153 [5]

20. Hekk kif jirriżulta mid-Deċiżjoni Nru 153 tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej għas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti, il-formola E 121 tikkostitwixxi ċertifikat meħtieġ għarreġistrazzjoni ta' persuna intitolata għal pensjoni u tal-membri tal-familja tagħha flistituzzjoni tal-post tar-residenza tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72.

B — *Il-liġi Olandiża*

— Id-dispożizzjonijiet applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2006

21. Skont l-indikazzjonijiet ipprovduti millqorti tar-rinviju, qabel l- 1 ta' Jannar 2006, illiġi dwar il-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard (Ziekenfondswet, iktar 'il quddiem iż-"ZFW") kienet tipprevedi sistema obbligatorja ta' assigurazzjoni għall-mard għall-ħaddiema impjegati bi dħul li ma jilħaqx ċertu livell. Il-persuni li ma jissodisfawx din il-kundizzjoni doppja kellhom jagħmlu kuntratt ma' kumpanija tal-assigurazzjoni privata sabiex ikunu koperti għall-ispejjeż tal-mard. L-għan tal-liġi ġenerali dwar l-ispejjeż mediċi speċjali, (Algemene Wet Bijzondere Ziektekosten, iktar 'il quddiem l-"AWBZ"), kien li jipprovdi assigurazzjoni lill-persuni kollha li jirresjedu fit-territorju Olandiż għar-riskju ta' spejjeż eċċezzjonali ta' mard, speċjalment lil dawk li ma kinux koperti biż-ZFW jew b'kuntratt tal-assigurazzjoni privata. Dawn iż-żewġ sistemi legali obbligatorji setgħu jiġu applikati wkoll, f'ċertu kundizzjonijiet, għall-persuni residenti fi Stat Membru ieħor li ma huwiex ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi li kienu intitolati għal pensjoni taħt il-liġi dwar sistema ġenerali ta' assigurazzjoni tax-xjuħija (Algemene Ouderdomswet, iktar 'il quddiem l-"AOW") jew għal pensjoni taħt il-liġi dwar l-assigurazzjoni għall-inkapaċità għax-xogħol (Wet op de arbeidsongeschiktheidsverzekering, iktar 'il quddiem il-"WAO").

— Id-dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006

22. Bid-dħul fis-seħħ tagħha fl-1 ta' Jannar 2006, iż-ZVW stabbiliet sistema legali obbligatorja tal-assigurazzjoni għall-mard għall-persuni kollha residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi jew li jaħdmu hemmhekk, filwaqt li ppreċiżat li l-AWBZ ukoll hija applikabbli għalihom, skont it-talba għal

5 — Deċiżjoni Nru 153 (94/604/KE), tas-7 ta' Ottubru 1993, fuq il-formoli mudell neċessarji għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 tal-Kunsill (E 001, E 103–E 127) (ĠU L 244, p. 22), kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 202 (2006/203/KE), tas-17 ta' Marzu 2005 (ĠU L 77, p. 1), iktar 'il quddiem "id-Deċiżjoni Nru 153".

deċiżjoni preliminari. Għall-kuntrarju ta' dan, il-persuni mhux residenti li ma jaħdmux fil-Pajjiżi l-Baxxi ma jistgħux jiġu assigurati abbażi taż-ZVW u tal-AWBZ.

23. Il-qorti tar-rinviju tesponi li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 69 taż-ZVW, fil-verżjoni applikabbli sa mill-1 ta' Awwissu 2008, jipprovdu:

"1. Il-persuni li jirresjedu barra mill-pajjiż li, skont regolament tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej jew skont regolament adottat taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew trattat dwar is-sigurtà soċjali, għandhom dritt, f'każ ta' bżonn, għall-kura jew ir-rimbors tagħha, kif previst fil-liġi dwar l-assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, għandhom jirreġistraw ruħhom mas-[CVZ], sakemm ma humiex koperti bl-assigurazzjoni obbligatorja taħt din il-liġi.

2. Il-persuni koperti fil-paragrafu 1 huma obbligati jħallsu kontribuzzjoni li għandha tiġi stabbilita permezz ta' digriet ministerjali. Għal parti li għandha tiġi stabbilita b'dan id-digriet, l-imsemmija kontribuzzjoni titqies bħala primjum għal assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa, u dan għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-liġi dwar il-benefiċċji għall-kura tas-saħħa (Wet op de zorgtoeslag).

3. Jekk tali persuni ma jirreġistrawx ruħhom fi żmien erba' xhur minn meta daħlet fis-seħħ il-liġi prevista fil-paragrafu 1, is-[CVZ] jimponi fuqhom multa ta' 130 % ta' parti, stabbilita b'digriet ministerjali, tal-kontribuzzjoni prevista fil-paragrafu 2, fuq perijodu ekwivalenti għall-perijodu bejn id-data li fiha l-liġi tidħol fis-seħħ u d-data meta huma jirreġistraw ruħhom, iżda mhux iktar minn ħames snin.

4. Is-[CVZ] huwa responsabbli mill-amministrazzjoni li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 u tar-regolamenti internazzjonali li jissemmew fih, kif ukoll mid-deċiżjonijiet dwar l-impożizzjoni u l-ġbir tal-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 2 […]"

24. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 6.3.1 u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 6.3.2 tar-Regolament dwar l-assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa (Regeling zorgverzekering) jistipulaw rispettivament:

"Il-kontribuzzjoni dovuta minn persuna koperta bil-paragrafu 1 tal-Artikolu 69 taż-[ZVW] hija kkalkulata billi l-bażi tal-kontribuzzjoni tiġi mmultiplikata bil-figura li tirrappreżenta r-*ratio* bejn il-medja tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa ta' persuna koperta bl-assigurazzjoni għall-mard fil-pajjiż ta' residenza tagħha u l-medja tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa ta' persuna koperta bl-assigurazzjoni għall-mard fil-Pajjiżi l-Baxxi.

[…]

Il-kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 6.3.1 għal persuna koperta bil-paragrafu 1 tal-Artikolu 69 taż-[ZVW] li tagħti d-dritt għal pensjoni lilha u lill-membri tal-familja tagħha, tinżamm mill-istituzzjoni li tagħti l-pensjoni u tiġi ttrasferita fil-fond tal-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa".

25. L-Artikolu 2.5.2 tal-IZVW jipprovdi:

"Ftehim dwar l-assigurazzjoni għall-kura medika jew l-ispejjeż tagħha, magħmul għal jew ma' persuna li tirresjedi barra mill-pajjiż li, skont regolament tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej jew skont regolament adottat taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew trattat dwar is-sigurtà soċjali, għandha dritt għall-kura tas-saħħa jew ir-rimbors tagħha, kif previst fil-leġiżlazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż ta' residenza tagħha, itemm l-effetti tiegħu mill-1 ta' Jannar 2006, inkwantu dan kien inissel drittijiet ekwivalenti għal dawk li l-persuna kkonċernata tista' tibbenefika minnhom, minn dak il-mument, taħt tali regolament jew trattat, jekk il-persuna assigurata tkun issodisfat, qabel l-1 ta' Mejju 2006 l-obbligu li tirreġistra ruħha mas-[CVZ] skont l-Artikolu 69 taż-[ZVW]".

III — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

26. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma lkoll ċittadini Olandiżi residenti fi Stati Membri li ma huwiex ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi [6] li huma intitolati għal pensjoni tax-xjuħija mogħtija minn dan il-pajjiż taħt l-AOW jew ta' pensjoni Olandiża tal-inkapaċità għax-xogħol taħt il-WAO.

27. Qabel l-1 ta' Jannar 2006, billi huma ma kinux assigurati abbażi tas-sistemi legali obbligatorji tal-assigurazzjoni għall-mard previsti biż-ZFW u bl-AWBZ, huma għamlu kuntratti tal-assigurazzjoni għall-mard ma' kumpaniji privati tal-assigurazzjoni, stabbiliti, skont il-każ, fil-Pajjiżi l-Baxxi jew fi Stati Membri oħra.

28. Wara d-dħul fis-seħħ taż-ZVW, fl-1 ta' Jannar 2006, is-CVZ qies li billi r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu jibbenefikaw mis-sistema legali obbligatorja tal-assigurazzjoni għall-mard prevista biż-ZVW kieku kienu jirresjedu fil-Pajjiż l-Baxxi, minn dakinhar 'il quddiem huma kellhom dritt, taħt l-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament Nru 1408/71, għal benefiċċji *in natura* fl-Istat fejn jirresjedu mingħand l-Istat responsabbli mill-ħlas tal-pensjoni tagħhom, jiġifieri r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

6 — Jiġifieri fil-Belġju (J.C. Ramaer), fi Spanja (J. A. van Delft u J. M. van Willigen), fi Franza (J.F. van der Nat u O. Fokkens) u f'Malta (C.M. Janssen).

29. Biex ikunu intitolati għall-imsemmija benefiċċji, il-persuni kkonċernati kellhom l-ewwel jirreġistraw ruħhom mas-CVZ, imbagħad jinkitbu, permezz tal-formola E 121 ipprovduta minnu, f'fond tal-assigurazzjoni għall-mard fl-Istat ta' residenza tagħhom. Fir-rigward tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, J.C. Ramaer, J. F. van der Nat u O. Fokkens aċċettaw li jirreġistraw ruħhom "bla preġudizzju" minn dan tal-aħħar, filwaqt li J. A. van Delft, J.M. van Willigen u C.M. Janssen irrifjutaw li jirreġistraw ruħhom.

30. Matul l-2006 jew l-2007, skont il-każ, sar tnaqqis mill-pensjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali sabiex jiġi rkuprat l-ammont tal-kontribuzzjoni [7], kif previst fl-Artikolu 69 taż-ZVW, u dan sabiex jibbenefikaw mis-sistema legali obbligatorja tal-assigurazzjoni għall-mard stabbilita b'din il-liġi.

31. Barra minn hekk, b'effett mill-1 ta' Jannar 2006, il-kuntratt ta' dawk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali li kellhom kuntratt tal-assigurazzjoni privata ma' kumpanija stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi ġie xolt kompletament, bil-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2.5.2 tal-IZVW. Min-naħa l-oħra, dawk ir-rikorrenti li kellhom kuntratt ma' kumpanija stabbilita fi Stat Membru ieħor setgħu jżommuh, billi l-imsemmija liġi ma kinitx applikabbli f'dawn is-sitwazzjonijiet.

7 — Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-ammont tal-kontribuzzjoni huwa marbut mal-ispejjeż tal-mezzi tas-saħħa fil-pajjiż ta' residenza tal-persuna kkonċernata, diviż bil-medja tal-ispejjeż għall-mezzi tas-saħħa għal kull persuni assigurata fil-Pajjiżi l-Baxxi, dak li hija ssejjaħ koeffiċjent tal-pajjiż ta' residenza.

Il-gvern Olandiż jenfasizza li kien hemm bżonn ta' żewġ kundizzjonijiet sabiex isir ix-xoljiment, jiġifieri, fl-ewwel lok, il-kuntratt tal-assigurazzjoni privata kellu jipprovdi lill-persuna kkonċernata drittijiet ekwivalenti għal dawk rikonoxxuti lilha mill-1 ta' Jannar 2006, f'dan il-każ taħt ir-Regolament Nru 1408/71 u, fit-tieni lok, il-persuna assigurata kienet obbligata tirreġistra ruħha mas-CVZ qabel l-1 ta' Mejju 2006 taħt l-Artikolu 69 taż-ZVW.

32. Ir-Rechtbank te Amsterdam, li quddiemha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestaw id-deċiżjonijiet meħuda fil-konfront tagħhom mis-CVZ, ċaħdet ir-rikors matul l-2008. Is-sitt persuni kkonċernati appellaw minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem is-Centrale Raad van Beroep.

33. Skont it-talba għal deċiżjoni preliminari ppreżentata minn din il-qorti, fl-appell tagħhom ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali argumentaw essenzjalment li fl-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament 1408/71 ma hemmx dispożizzjonijiet vinkolanti li abbażi tagħhom huma għandhom ikunu suġġetti għas-sistema ta' benefiċċji *in natura* applikabbli fil-pajjiż fejn jirresjedu. Għalhekk, huma fehmu li kellhom l-għażla li jirreġistraw ruħhom permezz tal-formola E 121 mal-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru fejn jirresjedu sabiex jibbenefikaw minn tali benefiċċji jew inkella, fin-nuqqas ta' tali reġistrazzjoni, jagħmlu kuntratt tal-assigurazzjoni privata. Huma sostnew li kieku waħda mill-persuni provviżorjament għażlet li ma tirreġistrax ruħha, taħt l-Artikolu 29 tar-Regolament

Nru 574/72, l-Istat Membru responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni ma kienx ikun jista' jnaqqsilha kontribuzzjoni billi, f'dak il-każ, il-benefiċċji *in natura* ma kinux "jaqgħu fuq istituzzjoni ta' l-Istat Membru msemmi" fis-sens tal-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71. Iktar minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali allegaw ksur tad-drittijiet tal-moviment liberu taħt l-Artikolu 18 KE u l-Artikolu 39 KE, billi huma obbligati jħallsu kontribuzzjoni għal benefiċċji mogħtija mill-Istat ta' residenza iżda li huma ma jridux jibbenefikaw minnhom minħabba li jinvolvu iktar spejjeż u/jew huma ta' kwalità inferjuri meta mqabbla ma' dawk li jistgħu jiksbu permezz ta' assigurazzjoni privata.

34. Min-naħa tiegħu, is-CVZ sostna li l-applikabbiltà tar-regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet ipprovduta fl-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71, u għalhekk id-dritt għall-benefiċċji *in natura* li jirriżulta minnu, ma tiddependix mir-reġistrazzjoni ma' istituzzjoni kompetenti fl-Istat Membru ta' residenza. Minn dan huwa kkonkluda li, anki jekk il-persuni kkonċernati ma jkunux irreġistrati ma' tali istituzzjoni u għalhekk ma jkunux igawdu l-imsemmi dritt, l-Istat responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni huwa awtorizzat jagħmel tnaqqis minn din il-pensjoni. Skont is-CVZ, l-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71 ma jipprovdix biss għall-ispejjeż realment miġbura iżda wkoll għal dawk eventwalment koperti minn dan l-Istat peress li, fil-każ kuntrarju, dan jippreġudika s-solidarjetà li hija karatteristika tas-sistema ta' sigurtà soċjali, għaliex inkella kwalunke persuna kkonċernata tista' tistenna l-mument li jkollha bżonn il-kura sabiex tirreġistra ruħha u għalhekk, sabiex tkun eleġibbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni. Barra minn hekk, is-CVZ qies li ma kienx hemm ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema u/jew taċ-ċittadini tal-Unjoni.

35. Fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari, li t-test tagħha huwa riprodott fil-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-qorti tar-rinviju tindika li hija qed tistaqsi l-ewwel nett dwar ir-rabta bejn it-Titolu II u t-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71, u b'mod iktar partikolari dwar il-portata tal-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 13(2)(f) ta' dan ir-regolament. Hija tirrileva li diversi elementi jidhru li jindikaw li r-Regolament Nru 1408/71 jeskludi d-dritt tal-għażla li r-rikorrenti fil-kawża jsostnu li hemm. Hija targumenta li s-sistema prevista partikolarment fl-Artikolu 28 ta' dan ir-regolament tidher li tistabbilixxi b'mod vinkolanti l-Istat li għandu jipprovdi l-benefiċċji lill-persuna kkonċernata u l-Istat responsabbli mill-benefiċċji dovuti [8]. Hija targumenta wkoll illi kieku r-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi dritt ta' għażla fir-rigward tal-liġi applikabbli, kieku dan jagħmlu b'mod espress. Fl-aħħar nett, hija tgħid li fis-sentenza Molenaar [9], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għoti lil ħaddiem migranti tal-għażla li jirrununzja,

8 — Is-Centrale Raad van Beroep tirreferi b'mod partikolari għas-sentenzi tal-10 ta' Jannar 1980, Jordens-Vosters (69/79, Ġabra p. 75) kif ukoll tat-3 ta' Lulju 2003, van der Duin u ANOZ Zorgverzekeringen (C-156/01, Ġabra p. I-7045).

9 — Sentenza tal-5 ta' Marzu 1998, (C-160/96, Ġabra p. I-843, punt 42).

fost l-oħrajn, għall-benefiċċju tal-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71 la jirriżulta mittrattat u lanqas minn dan ir-regolament.

36. Għall-kuntrarju, il-qorti *a quo* tindika li jista' jirriżulta mill-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72 moqri flimkien mas-sentenza van der Duin u ANOZ Zorgverzekeringen [10], li r-reġistrazzjoni mal-istituzzjoni tal-Istat Membru ta' residenza hija l-element li jinvolvi l-applikazzjoni tal-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament Nru 1408/71, u dan min-naħa tiegħu jimplika li l-persuni kkonċernati għandhom dritt ta' għażla. Sakemm ir-rikorrenti fil-kawża ma jkunux irreġistrati, huma ma jkunux taħt ir-responsabbiltà tal-istituzzjoni kompetenti tal-Pajjiżi l-Baxxi fis-sens tal-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71, peress li ma jista' jingħatalhom ebda benefiċċju, u għalhekk, jistgħu ma jkunux eleġibbli għall-ġbir ta' kontribuzzjoni.

37. Fir-rigward tat-tieni domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tesponi li jekk id-dritt ta' għażla sostnut mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jiġi eskluż bid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71, ikun hemm lok li jiġi stabbilit jekk il-kontribuzzjoni mnaqqsa skont l-Artikolu 69 taż-ZVW u tal-Artikolu 33 tal-imsemmi regolament tikkostitwixxix ostakolu għall-moviment liberu previst fl-Artikolu 18 KE u l-Artikolu 39 KE.

38. F'dan ir-rigward, il-qorti *a quo* tindika li l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-pajjiż ta' residenza, taħt l-Artikolu 69 taż-ZVW, naqqset l-ammont dovut mill-persuni mhux residenti għal livell inqas minn dak dovut mir-residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Hija tinnota wkoll li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [11], it-Trattat KE ma jiggarantix lil ħaddiem li t-trasferiment tal-attivitajiet tiegħu fi Stat Membru ieħor ikun newtrali fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Hija ssostni li xorta jibqa' l-fatt li għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li kienu diġà stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li kienu koperti b'assigurazzjoni privata meta daħlet fis-seħħ iż-ZVW, din il-liġi tista' twassal sabiex ma jkunx daqshekk profittabbli għalihom li jkomplu jgawdu mid-dritt tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament barra mill-Pajjiżi l-Baxxi, minn naħa peress li jkollhom iktar spejjeż tal-assigurazzjoni għall-mard, u min-naħa l-oħra, peress li jkollhom benefiċċji tal-kura tas-saħħa inqas vantaġġjużi. Għalkemm ix-xewqa tal-leġiżlatur Olandiż li jwessa' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard għar-residenti kollha tal-Pajjiżi l-Baxxi, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, tista' titqies li hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess ġenerali, skont il-qorti tar-rinviju ma huwiex ċar jekk l-obbligu tal-ħlas ta' kontribuzzjoni anki fin-nuqqas ta' reġistrazzjoni fl-Istat ta' residenza huwiex

10 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (punt 40).

11 — Ara b'mod partikolari s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2006, Piatkowski (C-493/04, Ġabra p. I-2369).

konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, li jippermetti li jiġi ġġustifikat tali ostakolu għall-moviment liberu.

39. F'dan il-kuntest, is-Centrale Raad van Beroep iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikoli 28, 28a u 33 tar-Regolament Nru 1408/71, id-dispożizzjonijiet tal-Punt 1(a) u (b) tat-Taqsima R tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 69 taż-[ZVW] safejn il-pussessur ta' pensjoni li jista', bħala regola, isostni d-dritt taħt l-Artikolu 28 u l-Artikolu 28a tar-Regolament Nru 1408/71, għandu jirreġistra ruħu maċ-[CVZ] u li għandha tinżamm kontribuzzjoni mill-pensjoni ta' dan il-pussessur, anki jekk mhuwiex irreġistrat fis-sens tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72?

2) L-Artikolu 39 KE jew l-Artikolu 18 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 69 taż-ZVW, safejn ċittadin tal-UE li jista', bħala regola, isostni d-dritt taħt l-Artikolu 28 u l-Artikolu 28a tar-Regolament Nru 1408/71, għandu jirreġistra ruħu maċ-CVZ u li għandha tinżamm kontribuzzjoni mill-pensjoni ta' dan iċ-ċittadin, anki jekk mhuwiex irreġistrat fis-sens tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72?"

40. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn J. A. van Delft, J. M. van Willigen, C. M. Janssen u O. Fokkens, mill-Gvern Olandiż, il-Gvern Ċek, il-Gvern Franċiż u l-Gvern Finlandiż, kif ukoll mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej. Waqt is-seduta, li nżammet fl-20 ta' Mejju 2010, dawn l-erba' rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu rrappreżentati, kif kienu wkoll is-CVZ, il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni.

41. Essenzjalment, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jqisu li l-leġiżlazzjoni Olandiża inkwistjoni ma hijiex konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 u dawk tar-Regolament Nru 574/72, u lanqas mal-Artikoli 18 KE u 39 KE. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Olandiż, il-Gvern Ċek, il-Gvern Franċiż u l-Gvern Finlandiż, kif ukoll il-Kummissjoni, iqisu li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula fis-sens li la l-imsemmija regolamenti u lanqas l-artikoli tat-Trattat KE ma jipprekludu din il-leġiżlazzjoni.

IV — Analiżi

A — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

— *Osservazzjonijiet preliminari*

42. Skont l-ewwel domanda preliminari, is-Centrale Raad van Beroep trid tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28, 28a u 33 tar-Regolament Nru 1408/71, tal-Paragrafu 1(a) u (b) tat-Taqsima R tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71 u tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72 jipprekludux l-Artikolu 69 taż-ZVW inkwantu, minn naħa, dak li huwa intitolat għal pensjoni li jista' jibbenefika mis-sistema ta' benefiċċji għall-kura tas-saħħa stabbilita bl-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jirreġistra ruħu mas-CVZ, u min-naħa l-oħra, tinżamm kontribuzzjoni mill-pensjoni tiegħu, anki jekk ikun irrifjuta li jirreġistra ruħu, kif previst fis-sens tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72, mal-istituzzjoni kompetenti tal-Istat fejn jirresjedi.

43. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tixtieq tivverifika jekk, billi jagħżlu li ma jirreġistrawx ruħhom, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jistgħux jirrinunzjaw għall-benefiċċji *in natura* dovuti lilhom taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat responsabbli mill-ħlas tal-pensjoni tagħhom, jiġifieri r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, f'konformità mal-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament 1408/71, u jekk konsegwentement, jistgħux jeżentaw ruħhom mill-kontribuzzjonijiet li jitnaqqsu minn dan l-aħħar Stat taħt l-Artikolu 33 tal-istess regolament. Din it-teżi hija sostnuta minn J. A. van Delft u J. M. van Willigen, iżda ma hijiex aċċettata mill-Gvern Olandiż, il-Gvern Ċek, il-Gvern Franċiż, u l-Gvern Finlandiż, u lanqas mill-Kummissjoni. Għaldaqstant tqum il-kwistjoni tan-natura obbligatorja jew fakultattiva tar-regoli stabbiliti fir-Regolament Nru 1408/71 għall-persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

44. Preliminarjament, jiena neskludi l-argument imressaq minn O. Fokkens u C. M. Janssen dwar il-bażi tal-Artikolu 13(2)(f) tar-Regolament Nru 1408/71 [12], inkwantu l-imsemmi artikolu ma huwiex imsemmi fid-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju. Dawn iż-żewġ rikorrenti fil-kawża prinċipali jiddikjaraw li minn dan it-test jirriżulta li huma jaqgħu esklużivament taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza, mingħajr possibbiltà ta' għażla, inkwantu l-leġiżlazzjoni Olandiża ma għadhiex applikabbli għalihom minn meta waqfu l-attivitajiet professjonali tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi u li għaldaqstant huma ma

12 — Dwar l-implementazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-347/98, Ġabra p. I-3327).

jistgħux jiġu obbligati jirreġistraw ruħhom mas-CVZ.

tal-persuni intitolati għal pensjoni u l-membri tal-familja tagħhom [16].

— Fuq l-ewwel parti tal-ewwel domanda

45. Jiena nirrileva, l-istess kif tagħmel il-Kummissjoni, li r-regoli ġenerali ta' kunflitt ipprovduti fl-Artikolu 13, li jinsabu taħt it-Titolu II tar-Regolament Nru 1408/71 [13] huma irrilevanti f'dan il-każ peress li s-sitwazzjoni tal-kawża inkwistjoni hija rregolata bir-regoli partikolari dwar l-għażla tad-dritt nazzjonali applikabbli previsti fl-Artikoli 28 u 28a taħt it-Titolu III tal-imsemmi regolament [14]. Din ir-rabta bejn it-Titolu II u t-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71 toħroġ ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [15], ikkonfermata mill-massima "*lex specialis derogat legi generali*". Il-preambolu tar-Regolament Nru 1408/71 jindika li l-eċċezzjoni introdotta bl-Artikoli 28 u 28a hija ġġustifikata mill-pożizzjoni speċifika

46. Fir-rigward tal-forza obbligatorja tas-sistema ta' koordinazzjoni prevista fl-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament Nru 1408/71, fil-fehma tiegħi din ma tirriżultax biss mid-diċitura ta' dawn it-testi, iżda wkoll mill-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 1408/71, kif ukoll mill-kuntest u mill-għanijiet rispettivi tal-leġiżlazzjoni li huma jagħmlu parti minnha, kif identifikati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

47. L-Artikolu 28 flimkien mal-Artikolu 28a huma fformulati f'termini li ma jagħtux lok għal marġni ta' diskrezzjoni [17]. Meta l-leġiżlatur Komunitarju ried jagħti libertà ta' għażla lill-kontributuri f'assigurazzjoni soċjali, dan huwa għamlu b'mod fl-istess waqt espliċitu u elaborat, kif enfasizzat mill-qorti tar-rinviju kif ukoll mill-Gvern

13 — Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tar-Regolament Nru 1408/71 jikkostitwixxu sistema kompleta u uniformi tar-regoli dwar il-kunflitt ta' liġi, li l-iskop tagħhom ma huwiex biss li tiġi evitata l-applikazzjoni simultanja ta' diversi liġijiet nazzjonali u l-komplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minħabba f'ħekk, iżda wkoll li jiġi pprojbit li l-persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament ikunu mċaħħda mill-protezzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni applikabbli għalihom. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 1986, Ten Holder (302/84, Ġabra p. 1821, punt 19); tal-11 ta' Ġunju 1998, Kuusijärvi (C-275/96, Ġabra p. I-3419, punt 28) kif ukoll tad-9 ta' Novembru 2000, Plum (C-404/98, Ġabra p. I-9379, punt 18).

14 — F'dan ir-rigward, infakkar li l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71 fih ir-"Regoli Ġenerali" tat-Titolu II dwar id-"Determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli", filwaqt li l-Artikoli 28 u 28a li jikkonċernaw il-benefiċċji għall-mard ipprovduti lil dawk intitolati għal pensjoni, huma inklużi fit-Titolu III bit-titolu "Dispożizzjonijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu mal-kategoriji differenti tal-benefiċċji".

15 — B'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Mejju 1982, Aubin (227/81, Ġabra p. 1991, punt 11) kif ukoll tal-11 ta' Novembru 2004, Adanez Vega (C-372/02, Ġabra p. I-10761, punt 19).

16 — Ara l-ħdax u s-sittax-il premessa tar-Regolament Nru 1408/71.

17 — L-imsemmi Artikolu 28 jipprovdi b'mod imperattiv li l-persuna intitolata għal pensjoni dovuta taħt il-leġiżlazzjoni ta' mill-inqas Stat Membru wieħed "għandu [...] jirċievi", u mhux "jista' jirċievi", benefiċċji *in natura* dovuti taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun jirresjedi, sakemm huwa jkollu dritt għalihom taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni kieku kien jirresjedi fih. Bl-istess mod, l-Artikolu 28a jimponi, mingħajr possibbiltà ta' alternattiva, li l-istituzzjoni tal-Istat Membru kompetenti għandha tkopri l-benefiċċji pprovduti f'dan ir-rigward.

Franċiż u l-Gvern Finlandiż [18]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta b'mod strett id-drittijiet ta' għażla offruti b'tali dispożizzjonijiet, billi għandha kunċett ristrett tal-ħaddiema migranti li jistgħu jagħmlu użu minnhom. Minbarra dawn il-każi partikolari, l-applikazzjoni tas-sistema stabbilita bir-Regolament Nru 1408/71 għandha tirriżulta oġġettivament mid-dispożizzjonijiet tiegħu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tas-sitwazzjoni tal-kawża inkwistjoni u l-elementi ta' rabta li din għandha mal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri [19]. Fil-fatt, l-għoti ta' benefiċċji pprovdut fl-Artikoli 28 u 28a tal-imsemmi regolament ma jiddependix mir-rieda tal-persuni kkonċernati, billi d-drittijiet u l-obbligi relatati mal-protezzjoni soċjali huma min-natura tagħhom mhux disponibbli.

sempliċement il-koordinazzjoni tagħhom [20], hija kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tagħhom tas-sigurtà soċjali u jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-eżistenza tad-dritt jew tal-obbligu li ċ-ċittadini jissieħbu f'sistema tas-sigurtà soċjali, f'konformità ma' ġurisprudenza stabbilita u mal-Artikolu 152(5) tat-Trattat KE [21]. F'din il-kawża, il-Gvern Ċek u dak Franċiż jiddeduċu minn dan, ġustament, li, minn naħa, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kellu l-prerogattiva li jemenda s-sistema legali tiegħu tal-assigurazzjoni għall-mard sabiex jinkludi l-persuni fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u, min-naħa l-oħra, li huwa biss l-leġiżlatur nazzjonali, u mhux il-persuna assigurata kkonċernata, li jista' jagħti dritt lil din tal-aħħar li tagħżel assigurazzjoni privata minflok tissieħeb fis-sistema legali obbligatorja [22].

48. Peress li l-għan tar-Regolament Nru 1408/71 ma huwiex l-armonizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali iżda

49. Madankollu jibqa' l-fatt li fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà soċjali, l-Istati Membri għandhom

18 — B'hekk, ir-Regolament Nru 1408/71 jagħti espressament possibbiltajiet ta' għażla lil persuni impjegati f'missjonijiet diplomatiċi u f'postijiet konsulari u lill-persunal awżiljarju tal-Komunitajiet Ewropej (Artikolu 16(2) u (3)) u lill-pussessuri ta' pensjoni (Artikolu 17a). Dwar l-għażliet offruti wkoll lil ħaddiem fuq il-fruntiera qieghed, ipprovduti fl-Artikoli 69 u 71 tal-imsemmi regolament, ara s-sentenza Aubin, iċċitata iktar 'il fuq (punti 18 u 19).

19 — Sentenza tad-29 ta' Ġunju 1994, Aldewereld (C-60/93, Ġabra p. I-2991, punti 19 u 20). Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 3 dwar is-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti (ĠU 1958, 30, p. 561), ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1967, Couture (11/67, Ġabra p. 487 *et seq*, speċjalment p. 500) kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 1967, Guissart (12/67, Ġabra p. 551 *et seq*, speċjalment p. 562).

20 — Ir-raba'premessa ta' dan ir-regolament tispeċifika:"huwa neċessarju li l-karatteristiċi speċjali ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali jkunu rispettati u li tkun ippreparata biss sistema ta' kordinazzjoni". Ara wkoll is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2002, Hervein *et* (C-393/99 u C-394/99, Ġabra p. I-2829, punt 59) kif ukoll tat-3 ta' April 2008, Chuck (C-331/06, Ġabra p. I-1957, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 — Sentenzi tat-12 ta' Lulju 1979, Brunori (266/78, Ġabra p. 2705, punt 5); Kuusijärvi ċċitata iktar 'il fuq (punt 29); tal-4 ta' Diċembru 2003, Kristiansen (C-92/02, Ġabra p. I-14597, punt 31); Piatkowski ċċitata iktar 'il fuq (punt 32) kif ukoll tat-12 ta' Jannar 2010, Petersen (C-341/08, Ġabra p. I-47, punt 51).

22 — Meta qed nirreferi għall-kuntratti tal-assigurazzjoni privata, jiena nixtieq biss nagħmel distinzjoni bejn l-assigurazzjoni legali u l-assigurazzjoni kumplementari. Madankollu, il-kuntratti tal-assigurazzjoni obbligatorja huma wkoll kuntratti tad-dritt privat. Fil-fatt, is-sistema obbligatorja Olandiża hija sistema li timponi, minn naħa, lill-persuni assigurati sabiex jassiguraw ruħhom għal ċerti riskji u, min-naħa l-oħra, timponi lill-assiguraturi li jipprovdu kuntratti standard li jkopru l-kura bażika minħajr evalwazzjoni individwali tar-riskji, peress li ma hemmx fondi tal-assigurazzjoni għal mard ta' natura pubblika fil-Pajjiżi l-Baxxi.

jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' supremazija tiegħu [23]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sostituzzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 taħt id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar is-sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri hija obbligatorja u ma tippermetti ebda eċċezzjoni, ħlief fil-każijiet imsemmija espressament fl-imsemmi regolament [24]. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma għandhomx il-possibbiltà li jiddeterminaw sa fejn il-liġi tagħhom stess, jew dik ta' Stat Membru ieħor, għandha tiġi applikata għal sitwazzjoni li taqa' taħt l-imsemmi regolament [25]. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita [26], id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 li, bħall-Artikoli 28 u 28a tiegħu, jistabbilixxu l-leġiżlazzjoni applikabbli, jiffurmaw sistema ta' regoli ta' kunflitt li n-natura kompleta tagħhom għandha l-effett li tneħħi lil-leġiżlaturi nazzjonali s-setgħa li jistabbilixxu l-portata u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam, f'dak li jirrigwarda l-persuni suġġetti għaliha u f'dak li jirrigwarda t-territorju fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipproduċu l-effetti tagħhom.

50. Billi l-imsemmija dispożizzjonijiet huma vinkolanti għall-Istati Membri, iktar u iktar għandhom ikunu vinkolanti għall-individwi, bħalma huma r-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Għalhekk huma ma jistgħux ikunu awtorizzati jagħżlu l-leġizlazzjoni applikabbli għas-sitwazzjoni tagħhom. Kieku l-kontributuri f'assigurazzjoni kellhom l-għażla li jeżentaw ruħhom mir-regoli dwar l-għażla tad-dritt nazzjonali applikabbli previsti b'mod imperattiv fir-Regolament Nru 1408/71, tiġi rikonoxxuta lilhom is-setgħa li jaħarbu mill-effetti prattiċi tagħhom, filwaqt li l-Istati Membri kompetenti huma mċaħħda minn tali prerogattiva.

51. Sabiex isostnu t-teżi kuntrarja, J. A. van Delft u J. M. van Willigen jagħmlu riferiment għas-sentenza mogħtija fil-kawża van der Duin u ANOZ Zorgverzekeringen [27]. Huma jargumentaw li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa biss malli tissieħeb fis-sistema stabbilita fl-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71, billi tirreġistra, kif previst fl-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72, fl-istituzzjoni tal-post ta' residenza, li persuna intitolata għal pensjoni tibbenefika mid-dritt għal benefiċċji *in natura* mogħtija minn din l-istituzzjoni, daqslikieku kienet intitolata għal pensjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza. Huma jargumentaw ukoll li fil-konklużjonijiet tiegħu dwar din il-kawża, l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer qal li: "[i]t-trasferiment tar-responsabbiltà tas-servizz ta' benefiċċji tas-saħħa fl-istituzzjoni tal-Istat ta' residenza ma jseħħx awtomatikament; ma jseħħx sempliċement mal-bdil tar-residenza iżda jirrikjedi, sabiex

23 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2005, Van Pommeren-Bourgondiën (C-227/03, Ġabra p. I-6101, punt 39) kif ukoll Piatkowski, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33).

24 — Sentenzi tas-7 ta' Frar 1991, Rönfeldt (C-227/89, Ġabra p. I-323, punt 22) kif ukoll Kuusijärvi, iċċitata iktar 'il fuq (punt 30).

25 — Sentenza tat-23 ta' Settembru 1982, Kuijpers (276/81, Ġabra p. 3027, punt 14 *in fine*).

26 — F'dan is-sens, ara l-punt 18 tas-sentenza Adanez Vega (iċċitata iktar 'il fuq) u s-sentenzi ċċitati hemmhekk. Din il-ġurisprudenza tikkonċerna fl-istess waqt ir-regoli ġenerali u r-regoli partikolari dwar l-għażla tad-dritt nazzjonali applikabbli inklużi rispettivament fit-Titolu II u fit-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71.

27 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (punti 40, 47 u 53).

ikun komplut, li l-persuna kkonċernata turi r-rieda tagħha f'dan is-sens" [28], u, dan, skont dawn ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jikkonferma espliċitament l-eżistenza ta' dritt ta' għażla.

ta' natura dikjarattiva li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-organi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri kkonċernati [30].

— Fuq it-tieni parti tal-ewwel domanda

52. Jiena ma naqbilx ma' din il-fehma. Fil-fehma tiegħi kemm il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll l-Avukat Ġenerali fakkru repetutament li sabiex tkun tista' tibbenefika mill-benefiċċji *in natura* taħt l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71, il-persuna intitolata għal pensjoni għandha tirreġistra ruħha skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72. Il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għal reġistrazzjoni u li l-Avukat Ġenerali jirreferi għal turija ta' rieda huwa biss sabiex jiġi enfasizzat li l-mekkaniżmu previst mill-imsemmija dispożizzjonijiet jista' biss jipproduċi l-effetti tiegħu bis-sħiħ favur il-kontributur f'assigurazzjoni ladarba dan ikun wettaq il-passi kollha meħtieġa għal dan il-għan. Fil-fehma tiegħi għalhekk, ir-reġistrazzjoni rikjesta mal-istituzzjoni tal-post ta' residenza ma hijiex dokument legali [29], iżda sempliċement formalità amministrattiva

53. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Gvern Olandiż, il-Gvern Franċiż u l-Gvern Finlandiż jiddeduċu li l-Istat responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni għandu dritt iżomm kontribuzzjonijiet sabiex ikopri r-riskju li huwa jista' jkun obbligat ikopri għall-assigurazzjoni obbligatorja, peress li huwa finanzjarjament responsabbli mill-ispejjeż tal-benefiċċji tal-mard mogħtija lil pensjonant fl-Istat Membru ta' residenza, f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71. Min-naħa l-oħra, skont J. A. van Delft u J. M. van Willigen, jirriżulta kemm mid-diċitura kif ukoll mill-għan ta' din id-dispożizzjoni li, fin-nuqqas ta' dritt għal benefiċċji *in natura* mill-Istat ta' residenza, minħabba n-nuqqas ta' reġistrazzjoni f'dan l-Istat, l-Istat kompetenti fil-qasam tal-pensjonijiet ma jistax jiġbor kontribuzzjoni peress li huwa ma huwiex responsabbli mill-għoti ta' ebda benefiċċji, inkwantu dan l-Istat ma huwiex obbligat għal ebda rimbors fl-Istat

28 — Punt 26 tal-konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża li tat lok għas-sentenza van der Duin u ANOZ Zorgverzekeringen, iċċitata iktar 'il fuq.

29 — Ara b'analoġija l-ġurisprudenza relatata mal-Formola E 101 li skontha t-tressiq tagħha għandu sempliċement l-effett li jikkonstata l-eżistenza ta' drittijiet u mhux li joħloqhom, peress li dan id-dokument huwa ta' natura ekwivalenti għall-Formola E 121 li tiċċertifika r-reġistrazzjoni tal-pussessuri ta' pensjoni: is-sentenza tal-10 ta' Frar 2000, FTS (C-202/97, Ġabra p. I-883, punt 50 *et seq*), u s-sentenza tat-30 ta' Marzu 2000, Banks *et* (C-178/97, Ġabra p. I-2005, punti 53 *et seq*).

30 — Bl-istess mod, l-Artikolu 29(2) tar-Regolament Nru 574/72 jipprovdi li fin-nuqqas ta' kooperazzjoni attiva mal-persuna kkonċernata, l-Istat ta' residenza jista' jitlob direttament lill-Istat responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni ċ-ċertifikazzjoni tal-eżistenza tad-dritt għall-benefiċċji taħt il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat.

ta' residenza taħt l-Artikolu 36 tal-imsemmi regolament.

54. F'dan ir-rigward, nixtieq infakkar li taħt l-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71, "L-istituzzjoni responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni fi Stat Membru u li tamministra l-leġislazzjoni li tipprovdi għat-tnaqqis mill-pensjonijiet għal kontribuzzjonijiet f'każ ta' mard […] għandha tkun awtorizzata li tagħmel dan it-tnaqqis […] mill-pensjoni pagabbli minn din l-istituzzjoni b'mod li l-ispejjeż għall-benefiċċji […] għandhom jaqgħu fuq istituzzjoni ta' l-Istat Membru msemmi" [31].

55. Jirriżulta minn dan it-test li l-formalità relatata mar-reġistrazzjoni mal-istituzzjoni kompetenti tal-Istat ta' residenza bl-ebda mod ma hija ppreżentata bħala kundizzjoni minn qabel għall-ġbir ta' kontribuzzjonijiet. Dawn huma l-ekwivalenti normali tad-dritt għal benefiċċji *in natura* [32], dritt li jirriżulta direttament mir-Regolament Nru 1408/71. Anki jekk dan id-dritt ma jiġix applikat fil-konfront tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li rrifjutaw li jirreġistraw ruħhom, ir-riskju tal-mard jeżisti l-iktar għall-Istat Membru responsabbli mill-ħlas ta' pensjoni peress li l-persuni kkonċernati jistgħu jibbenefikaw mill-kopertura ta' dan ir-riskju jekk jikkompletaw il-passi neċessarji. Fil-fehma tiegħi, it-test jirrikjedi biss li l-ispejjeż finanzjarji li jirriżultaw mill-benefiċċji jkunu potenzjali, u mhux attwali [33]. Ma tagħmilx differenza jekk l-ispejjeż relatati jkunux verament koperti minn dan l-Istat, billi l-ġbir sistematiku tal-kontribuzzjonijiet huwa maħsub sabiex jippermettilu jkopri dawn l-ispejjeż bħala bżonn. Fil-fatt, huwa inerenti għas-sistemi kollha ta' assigurazzjoni soċjali li kontribuzzjoni tkun dovuta sabiex tkopri riskju indipendentement minn jekk dan ir-riskju jikkonkretizzax jew le.

56. Fil-fehma tiegħi l-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà esprimiet ruħha f'dan is-sens b'mod relattivament espliċitu peress li mis-sentenza Molenaar [34] jirriżulta li ħaddiem migranti ma jistax jasserixxi d-dritt tiegħu li jiġi eżentat kompletament jew parzjalment mill-ħlas ta' kontribuzzjonijiet għall-iffinanzjar ta' benefiċċji soċjali bħalma huma dawk ta' assigurazzjoni għad-dipendenza, anki meta l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tibbenefika mill-imsemmija benefiċċji. L-ebda liġi tal-Unjoni ma tobbliga lill-istituzzjoni kompetenti li tivverifika li ħaddiem jista' jibbenefika mill-benefiċċji kollha ta' sistema tal-assigurazzjoni għall-mard qabel jipproċedi għar-reġistrazzjoni tiegħu u għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet korrispondenti. Barra minn hekk, il-Qorti

31 — Għandu jiġi rrilevat li l-Istat Membru kkonċernat ma għandux l-obbligu li jnaqqas kontribuzzjonijiet soċjali, iżda għandu biss il-possibbiltà li jagħmel dan, peress li jista' jagħżel metodi oħra ta' finanzjament.

32 — Sentenza tas-26 ta' Mejju 1976, Aulich (103/75, Ġabra p. 697, punt 7) li fiha ġie ppreċiżat li "għandha ssir distinzjoni bejn kontribuzzjoni u benefiċċji, peress li tal-ewwel tirregola t-tnissil tad-dritt filwaqt li t-tieni tipprežumi li d-dritt huwa mnissel").

33 — Qabbel: is-sentenza tat-22 ta' Mejju 1980, Walsh (143/79, Ġabra p. 1639, punt 2) li fiha hemm indikat li "persuna li jkollha dritt, taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, għall-benefiċċji pprovduti bir-Regolament Nru 1408/71 b'rabta mal-kontribuzzjonijiet li hija kienet obligata tħallas preċedentement, tibqa' titqies bħala 'ħaddiem' fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71 u r-Regolament Nru 574/72, sempliċement minħabba l-fatt li meta tfaċċa r-riskju hija ma kinitx tħallas kontribuzzjonijiet u ma kinitx obbligata tagħmel dan".

34 — Iċċitata iktar 'il fuq (punti 40 sa 42).

tal-Ġustizzja rrilevat li r-rikonoxximent ta' dritt għall-eżenzjoni jwassal sabiex jikkawża, f'dak li jirrigwarda l-firxa tar-riskji koperti bl-assigurazzjoni għall-mard, differenza fit-trattament bejn il-persuni msieħba skont jekk ikunux jirresjedu fit-territorju tal-Istat tas-sħubija jew le.

57. Kif enfasizzaw il-Gvern Olandiż, il-Gvern Franċiż u l-Gvern Finlandiż, il-fatt li t-tnaqqis ta' kontribuzzjoni tiġi suġġetta għar-rieda tal-persuni intitolati għal pensjoni li jissieħbu ma' istituzzjoni tal-Istat ta' residenza tagħhom, fil-prattika jista' jwassal sabiex iqanqal f'dawn tal-aħħar imġiba spekulattiva li tikkonsisti f'li jissieħbu biss meta jkollhom bżonn benefiċċji *in natura*. Nenfasizza li dan ma jikkonċerna bl-ebda mod lir-rikorrenti fil-kawża li s-sitwazzjoni prekarja tagħhom inħolqot b'emenda leġiżlattiva mhux prevista. Madankollu, minn perspettiva strutturali, ir-riskju ta' abbuż jista' jkollu konsegwenzi serji fuq l-ekwilibriju tas-sistema ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri kkonċernati.

58. Fil-fatt, jekk it-tnaqqis isir biss meta jingħataw il-benefiċċji, dan imur kontra kemm il-prinċipju tas-solidarjetà kif ukoll kontra l-bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet imnaqqsa u l-benefiċċji koperti, u dan huma żewġ regoli fundamentali ta' dawn is-sistemi sabiex ikunu jistgħu jiffunzjonaw. Barra minn hekk, il-fatt li titħalla għażla lill-kontributuri differenti jagħmel l-affarijiet inkontrollabbli, inkwantu s-sitwazzjonijiet jistgħu jvarjaw minn individwu għal ieħor, filwaqt li l-għan tar-Regolament Nru 1408/71 huwa preċiżament li jikkoordina s-sistemi ta' sigurtà soċjali tas-27 Stat Membru tal-Unjoni billi jistabbilixxi regola ċara u li tgħodd għall-persuni kollha mhux residenti. Individwi ma jistgħux jiddeċiedu li jeżentaw ruħhom mill-kontribuzzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn il-benefiċċji għaliex b'hekk ikissru kompletament is-sistema stabbilita bir-Regolament Nru 1408/71 [35].

59. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 u dawk tar-Regolament Nru 574/72 li huma msemmija fl-ewwel domanda preliminari għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni Olandiża li tobbliga lil persuna intitolata għal pensjoni mħallsa mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn naħa, li tirreġistra ruħha mas-CVZ u, min-naħa l-oħra, li tħallas kontribuzzjoni, inkluż fil-każ meta l-persuna kkonċernata tkun naqset li tirreġistra ruħha mal-istituzzjoni tal-Istat Membru fejn tirresjedi sabiex tkun tista' tibbenefika mill-benefiċċji *in natura* f'każ ta' mard.

35 — Għall-kuntrarju, Stat Membru jista' jwarrab id-dritt għar-rimbors tal-benefiċċji li huwa għandu jipprovdi f'isem Stat Membru ieħor, f'konformità mal-Artikolu 36(3) tar-Regolament Nru 1408/71.

B — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

— *Osservazzjonijiet preliminari*

60. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, sussidjarjament, jekk l-Artikolu 39 KE u/jew l-Artikolu 18 KE jipprekludux l-Artikolu 69 taż-ZVW inkwantu dan jobbliga liċ-ċittadini tal-Unjoni li, fil-prinċipju, jibbenefikaw mid-drittijiet mogħtija bl-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament Nru 1408/71, li jirreġistraw ruħhom mas-CVZ u, fuq kollox li jħallsu kontribuzzjonijiet għall-pensjoni tagħhom, għalkemm ma jkunux irreġistrati fl-Istat fejn jirresjedu kif previst fl-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72.

61. Fil-fatt, anki jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni hija ddikjarata konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71, li hija r-risposta li jiena nipproponi għall-ewwel domanda, il-ksur ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni xorta waħda ma huwiex eskluż [36]. Huwa wkoll stabbilit li d-dispożizzjonijiet tat-trattat KE relatati mal-moviment liberu tal-ħaddiema jikkostitwixxu l-bażi ġuridika tar-Regolament Nru 1408/71 u tar-Regolament Nru 574/72 [37]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet il-prevalenza tal-prinċipju tat-trattament ugwali inkluż fit-Trattat fuq ir-Regolament Nru 1408/71 [38].

62. Il-qorti tar-rinviju tirreferi l-ewwel nett għall-Artikolu 39 KE. Dan it-test huwa effettivament l-espressjoni speċifika tad-dritt rikonoxxut liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, ta' ħaddiem li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, kif previst fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 18 tat-Trattat KE [39]. Barra minn hekk, il-Gvern Olandiż, il-Gvern Franċiż u l-Gvern Finlandiż, flimkien mal-Kummissjoni, jesprimu dubji kbar fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 39 KE f'dan il-każ.

63. Fil-fatt, fid-dawl tal-proċess tal-kawża, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali apparentement għamlu użu mil-libertà li jirresjedu fi Stat Membru ieħor biss meta rtiraw, filwaqt li jidher li eżerċitaw il-karriera professjonali kollha tagħhom fl-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, u ħallew dan it-territorju mingħajr l-intenzjoni

36 — Ara s-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, von Chamier-Gliszczinski (C-208/07, Ġabra p. I-6095, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-211/08, Ġabra p. I-5267, punt 45) li fiha hemm indikat li "il-fatt li leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tkun konformi mar-Regolament Nru 1408/71, ma għandux bħala effett li jeskludiha mid dispożizzjonijiet tat-Trattat KE").

37 — Infakkar li l-Artikolu 42 KE jipprovdi, fil-qasam tas-sigurtà soċjali, għall-istabbiliment ta' sistema li tassigura lill-ħaddiema emigranti u lid-dipendenti tagħhom, minn naħa, l-aggregazzjoni, għall-fini li wieħed jakkwista jew iżomm id-dritt għall-benefiċċju u fil-kalkolu tal-ammont tal-benefiċċju, tal-perijodi kollha li hu meħud kont tagħhom skond il-liġijiet tad-diversi pajjiżi u, min-naħa l-oħra, il-pagament tal-benefiċċju lil persuni residenti fit-territorji tal-Istati Membri.

38 — Sentenza tal-15 ta' Jannar 1986, Pinna (41/84, Ġabra p. 1, punti 21 *et seq*) u s-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Lenoir (313/86, Ġabra p. 5391).

39 — Sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-152/05, Ġabra p. I-39, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

li jeżerċitaw impjieg fl-Istat Membru fejn stabbilixxew ruħhom. Madankollu, filwaqt li l-Artikolu 39(3) d) tat-Trattat KE jipprevedi d-dritt li ħaddiem jgħix fit-territorju ta' Stat Membru wara li jkun okkupa impjieg hemm, hija ġurisprudenza stabbilita li l-persuna li tkun emigrat ladarba rtirat, ma tistax tgawdi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 KE relatati mal-moviment liberu tal-ħaddiema [40]. Minn dan jirriżulta li l-imsemmi artikolu probabbilment ma japplikax fil-kawża prinċipali.

64. Madankollu, peress li l-informazzjoni konkreta pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja għadha parzjali u peress li jidher li għadd kbir ta' ċittadini Olandiżi jinsabu f'sitwazzjoni analoga għal dik tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali [41], fil-fehma tiegħi l-Qorti tal-Ġustizzja għandha wkoll tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 39 KE, billi tagħti r-responsabbiltà tal-implementazzjoni tal-Artikolu 39 KE lill-qorti nazzjonali fl-ipoteżi fejn il-każ individwali tal-persuni kkonċernati kien jaqa' taħt dan l-Artikolu fid-data li fiha nfetħet din il-kawża.

65. Min-naħa l-oħra, huwa evidenti li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 18 KE, peress li, taħt l-Artikolu 17 KE, kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru għandha tkun ċittadin tal-Unjoni, u minn dan jitnisslu d-drittijiet u d-dmirijiet previsti bit-Trattat KE [42].

66. Kemm f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18 KE kif ukoll dik tal-Artikolu 39 KE, il-kwistjoni hija identika. L-ewwel nett għandu jiġi stabbilit jekk f'dan il-każ teżistix restrizzjoni bbażata fuq il-fatt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma ttrattati, taħt il-leġiżlazzjoni inkwistjoni, b'mod inqas vantaġġjuż mill-persuni rtirati li jirresjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi, b'mod li jħeġġiġhom joqogħdu lura milli jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor. Sussidjarjament, jekk jibqa' jkun hemm dan l-ostakolu għall-moviment liberu taċ-ċittadini u/jew tal-ħaddiema, għandhom jiġu eżaminati l-elementi li jistgħu jiġġustifikawh fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali.

— Fuq restrizzjoni eventwali tal-moviment liberu

67. L-Artikolu 69 taż-ZVW, moqri flimkien mal-Artikolu 2.5.2 tal-IZVW, jista' jippreġudika l-effett sħiħ tal-dispożizzjonijiet

40 — Sentenzi tad-9 ta' Novembru 2006, Turpeinen (C-520/04, Ġabra p. I-10685, punt 16) kif ukoll tat-23 ta' April 2009, Rüffler (C-544/07, Ġabra p. I-3389, punti 50 *et seq*).

41 — Waqt is-seduta, ir-rappreżentanti ta' J. A. van Delft, J. M. van Willigen u C.M. Janssen iddikjaraw li kważi 18000 persuna rtirata emigrata ta' nazzjonalità Olandiża ma xtaqux jissieħbu mas-sistema ta' sigurtà soċjali tal-pajjiż ta' residenza tagħhom.

42 — Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, Nerkowska (C-499/06, Ġabra p. I-3993, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tat-Trattat KE inkwantu jiddiswadi liċ-ċittadini tal-Pajjiżi l-Baxxi milli jmorru minn post għal ieħor u joqogħdu liberament fi Stat Membru ieħor billi jippenalizzahom talli jkunu sempliċement għamlu użu minn dawn id-drittijiet [43]. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jallegaw li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jħeġġuhom jirritornaw fil-Pajjiżi l-Baxxi, peress li jekk jagħmlu dan huma jibbenefikaw kompletament mis-sistema Olandiża, mingħajr l-ispiża doppja ta' kontribuzzjonijiet u ta' primjums ta' assigurazzjonijiet privati.

68. Fil-fehma tiegħi, nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 18 KE jew mal-Artikolu 39 KE ma jistax jirriżulta minn formalità sempliċi bħalma hi r-reġistrazzjoni mas-CVZ li hija rikjesta b'din il-leġiżlazzjoni Olandiża, billi huwa kkonstatat li din hija adattata bis-sħiħ mal-paragrafu 1(b) tat-Taqsima R tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71, li hija dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli.

69. Barra minn hekk, it-tnaqqis mill-pensjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jikkawżax danni lilhom speċifikament, peress li l-ispejjeż tal-kontribuzzjoni għall-iffinanzjar tas-sistema obbligatorja tas-sigurtà soċjali japplikaw għall-benefiċjarji kollha ta' din is-sistema, sew jekk ikunu residenti u sew jekk ma jkunux, skont is-sistema uniformi prevista fit-Trattat KE u r-Regolament Nru 1408/71.

70. Fir-rigward tal-benefiċċji li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jistgħu jibbenefikaw minnhom, jista' jiġi osservat li l-fatt li huma jħallsu kontribuzzjoni jippermettilhom li jkunu intitolati għall-benefiċċji *in natura* mogħtija mis-sistema legali tal-assigurazzjoni għall-mard fis-seħħ fl-Istat Membru fejn jirresjedu, u dan a spejjeż tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-Istat Membru responsabbli mill-ħlas tal-pensjoni tagħhom. Dan il-vantaġġ jirriżulta mill-effett akkumulat taż-ZVW u tal-Artikoli 28 u 28 (a) tar-Regolament Nru 1408/71. Anki jekk id-dritt għal benefiċċji ma jiġix applikat *tale quale* għal uħud mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għaliex ikunu naqsu milli jagħmlu r-reġistrazzjoni neċessarja, dan id-dritt potenzjalment jeżisti. Għaldaqstant, ma jingħatawx kontribuzzjonijiet mingħajr ebda ritorn, billi dan imur kontra l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi l-kontribuzzjonijiet mhux iġġustifikati fir-rigward tas-sistemi obbligatorji tal-assigurazzjoni [44].

71. Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistgħux jinvokaw tnaqqis tal-aċċess tagħhom għall-kura tas-saħħa, peress li l-livell ta' benefiċċji mogħtija mill-Istat ta' residenza huwa inqas sodisfaċenti minn dak li kellhom bl-assigurazzjoni privata. Din il-varjazzjoni, saħansitra preġudizzju jekk dan

43 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2006, Tas-Hagen u Tas (C-192/05, Ġabra p. I-10451, punt 30); Turpeinen, iċċitata iktar 'il fuq (punti 20 u 21), kif ukoll Nerkowska, iċċitata iktar 'il fuq (punt 31).

44 — Fir-rigward tal-projbizzjoni tal-kontribuzzjonijiet doppji u tal-kontribuzzjonijiet supplimentari li ma joffrux il-protezzjoni soċjali korrispondenti, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Mejju 1977, Perenboom (102/76, Ġabra p. 815, punt 13); tal-21 ta' Frar 1991, Noij (C-140/88, Ġabra p. I-387, punti 14 u 15); Aldewereld, iċċitata iktar 'il fuq (punt 26); tal-10 ta' Mejju 2001, Rundgren (C-389/99, Ġabra p. I-3731, punt 57), kif ukoll tat-18 ta' Lulju 2006, Nikula (C-50/05, Ġabra p. I-7029, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

jiġi kkonfermat, hija r-riżultat tad-deċiżjoni meħuda mill-Istat Olandiż li jwessa' s-sistema obbligatorja tiegħu tal-assigurazzjoni għall-mard għar-residenti kollha u, sussegwentement, tal-implementazzjoni tal-Artikoli 28 u 28a tar-Regolament Nru 1408/71 li kellha l-effett li tinkludi l-persuni intitolati għal pensjoni mhux residenti fost il-persuni f'assigurazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-imsemmi regolament, filwaqt li dawn qabel kienu eskluži peress li d-dħul tagħhom kien jaqbeż ċertu livell. Peress li fil-qasam ta' protezzjoni soċjali l-liġijiet nazzjonali ma humiex armonizzati, iżda sempliċement koordinati, l-Istat Membri jistgħu jemendaw il-kontenut tagħhom, għalkemm jibqgħu obbligati jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni fl-ambitu tal-eżerċizzju ta' din il-kompetenza [45].

72. Barra minn hekk, kif ifakkru l-Gvern Olandiż, il-Gvern Franċiż u l-Gvern Finlandiż kif ukoll il-Kummissjoni, la l-Artikolu 18 KE u lanqas l-Artikolu 39 KE, ma jistgħu minnhom innifishom jiggarantixxu lil kontributur f'assigurazzjoni li l-fatt li dan imur jirresjedi fi Stat Membru ieħor huwa newtrali, peress li dan il-bdil ta' residenza jista', skont il-każ, ikun iktar jew inqas vantaġġjuż, saħansitra żvantaġġjuż [46].

73. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, jiena nqis li l-Artikolu 18 KE u l-Artikolu 39 KE ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

74. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tal-fehma opposta, inżid ngħid, b'mod sussidjarju, li l-emenda tas-sistema tal-assigurazzjoni għall-mard deċiża mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet li huma fl-istess waqt għanijiet ta' interess ġenerali indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati u proporzjonati għall-għan leġittimament imfittex mil-liġi nazzjonali [47]. Fil-fatt, ir-riforma kkontestata għandha l-għan li toħloq sistema obbligatorja universali tal-assigurazzjoni għall-mard għar-residenti kollha, bl-impatt korrispondenti fuq il-persuni mhux residenti li jkunu intitolati għal pensjoni, u dan indipendentement min-nazzjonalità tagħhom. L-iskop li ma jkunx hemm iktar residenti eskluži mis-sistema ta' protezzjoni legali huwa, fil-fehma tiegħi, konformi mal-interess ġenerali. Barra minn dan, jidher li l-proporzjonalità hija rrispettata peress li kemm il-prinċipju tal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet kif ukoll l-ammont ta' dawn, bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-pajjiż ta' residenza, jikkorrispondu għall-benefiċċji *in natura* li jistgħu jinkisbu mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fl-Istat Membru fejn jirresjedu, l-istess kif il-persuni

45 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (C-372/04, Ġabra p. I-4325, punt 92); Tas-Hagen u Tas iċċitata iktar 'il fuq (punt 22), kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2009, Kattner Stahlbau (C-350/07, Ġabra p. I-1513, punt 74).

46 — Sentenzi tad-19 ta' Marzu 2002, Hervein *et* (C-393/99 u C-394/99, Ġabra p. I-2829, punti 50, 51 u 58); Piatkowski, iċċitata iktar 'il fuq (punt 32) kif ukoll von Chamier-Glisczinski, iċċitata iktar 'il fuq (punti 84 u 85).

47 — Sentenza Tas-Hagen u Tas, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

li jgħixu fil-Pajjiżi l-Baxxi għandhom iħallsu kontribuzzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jgawdu minn benefiċċji.

75. Madankollu, leġiżlazzjoni adottata fil-qasam tal-protezzjoni soċjali ma għandhiex ikollha bħala riżultat konkret li tittratta b'mod inqas vantaġġjuż liċ-ċittadini li jkunu għamlu użu mid-dritt tagħhom li jgħixu fi Stat Membru ieħor meta mqabbla ma' dawk li jgħixu fl-Istat Membru li jkunu oriġinarji tiegħu. Inkella jiġi ppreġudikat l-effett utli tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini u l-ħaddiema tal-Unjoni. F'dan il-każ, hemm elementi li jagħtu lok li jinftiehem li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġew ittrattati b'mod diskriminatorju.

— Fuq it-trattament diskriminatorju tal-persuni mhux residenti

76. F'dan ir-rigward, il-persuni interessati jargumentaw li kuntrarjament għad-drittijiet kweżiti tagħhom, li ġew ikkanċellati, dawk tar-residenti ġew iggarantiti mil-leġiżlatur nazzjonali, peress li ż-ZVW pprovdiet li l-persuni assigurati Olandiżi huma suġġetti għal obbligu li jkopruhom, kemm għal dak li jirrigwarda l-benefiċċji bażiċi kif ukoll dawk kumplementari. Huma jgħidu wkoll li min-naħa tagħhom huma għandhom jagħmlu kuntratti ġodda sabiex iżommu l-istess drittijiet u għaldaqstant iħallsu spejjeż projbittivi minħabba l-età avvanzata tagħhom. Huma jsostnu li n-natura ta' din il-leġiżlazzjoni hija tali li tħajjarhom jikkunsidraw li jirritornaw fil-Pajjiżi l-Baxxi sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din il-protezzjoni kumplementari fir-rigward tas-sistema legali bażika.

77. Il-qorti tar-rinviju ma pprovditx elementi preċiżi dwar dan is-suġġett. Madankollu, fid-dawl tad-dibattiti li saru waqt is-seduta, kien hemm xoljiment, sabiex jiġu evitati assigurazzjonijiet doppji u għalhekk il-ħlas doppju ta' kontribuzzjonijiet skont il-Gvern Olandiż, u dan għal dak li jirrigwarda biss il-kuntratti ta' assigurazzjoni privata li jirriżultaw ekwivalenti għas-sistema obbligatorja. Min-naħa l-oħra, il-parti tal-assigurazzjoni privata li kienet tmur lil hinn mill-kopertura legali bażika kellha tibqa' l-istess, taħt l-Artikolu 2.5.2 tal-IZVW. Madankollu, skont l-informazzjoni pprovduta mill-Gvern Olandiż u r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni Olandiżi fil-prattika ma xtaqux ikomplu jħallsu għall-kopertura tar-riskji unikament abbażi tas-sistema fakultattiva li jikkostitwixxu l-assigurazzjonijiet kumplementari tas-saħħa.

78. Fl-ipoteżi li jiġi kkonfermat mill-qorti tar-rinviju li kien hemm trattament differenti bejn il-persuni residenti u dawk li ma humiex, tal-inqas fil-provvista ta' assigurazzjoni kumplementari, tali trattament ikun diskriminatorju inkwantu mhux iġġustifikat minn raġuni oġġettiva. Fil-fatt, jiena naħseb li xejn ma jimpedixxi lill-Istat Olandiż milli jipprovdi li l-persuni mhux residenti għandhom ikunu inklużi wkoll fil-garanzija li skontha l-assiguraturi għandhom joffru kundizzjonijiet attraenti wara x-xoljiment

awtomatiku tal-kuntratt tal-assigurazzjoni privata. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-fatt li tiġi imposta rabta ta' relazzjoni fir-rigward tar-residenza jista' jirrappreżenta kundizzjoni arbitrarja u għaldaqstant rekwiżit eċċessiv fir-rigward taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ [48]. F'dan il-każ, il-fatt li jiġi previst li ż-żamma ta' kuntratti tal-assigurazzjoni privata huwa suġġett għall-kundizzjoni ta' residenza, jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti mil-leġiżlatur. Għalhekk, peress li l-Artikolu 2.5.2 tal-IZVW jipprovdi espressament għall-persuni li jirresjedu barra mill-pajjiż, huwa jista' jikkostitwixxi fattur ta' diskriminazzjoni diretta.

79. Minħabba n-nuqqas kbir ta' ċarezza f'dan il-każ, huwa f'idejn il-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk, meta saret l-emenda leġiżlattiva inkwistjoni, l-Istat Olandiż effettivament ħax miżuri sabiex jiggarantixxu l-kontinwità tal-protezzjoni globali [49] unikament għall-benefiċċju tar-residenti. Madankollu, fl-ipoteżi li l-persuni intitolati għal pensjoni stabbiliti fi Stati Membri oħra ġew imċaħħda minn tali miżuri protettivi, l-Artikolu 18 KE u l-Artikolu 39 KE jipprekludu s-sistema rriformata. Kif diġà ddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk leġiżlazzjoni tpoġġi lill-persuni mhux residenti f'sitwazzjoni inqas vantaġġjuża mir-residenti fir-rigward tal-kopertura soċjali tagħhom, hija tkun qed tippreġudika l-prinċipju tal-moviment liberu ggarantit mit-Trattat KE [50].

80. Il-qorti *a quo* għandha tagħmel dak kollu li huwa fis-setgħa tagħha sabiex tirrimedja għall-effetti ta' din id-diskriminazzjoni, f'każ li hemm tali diskriminazzjoni. Fil-fatt, hija qorti nazzjonali li għandha tiżgura, fl-ambitu tal-kompetenzi tagħha, l-effikaċja sħiħa tad-dritt Komunitarju meta tiddeċiedi dwar il-kwistjoni mressqa quddiemha [51]. Jekk il-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-limiti inerenti tal-kawża mressqa quddiemha, ma tistax terġa' tistabbilixxi t-trattament ugwali, l-Istat Olandiż, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 10 KE, għandu jannulla l-konsegwenzi illegali ta' ksur tad-dritt Komunitarju, skont ġurisprudenza stabbilita [52].

48 — Ara b'mod partikolari s-sentenza Nerkowska, iċċitata iktar 'il fuq (punti 42 u 43).

49 — Globali fis-sens li l-leġiżlatur kellu jipprevedi li jinżamm il-livell ta' protezzjoni offrut kemm bil-benefiċċji bażiċi pprovduti permezz tal-implementazzjoni tas-sistema legali tal-assigurazzjoni għall-mard kif ukoll bil-benefiċċji kumplementari pprovduti skont kuntratti tal-assigurazzjoni privata.

50 — Sentenza van Pommeren-Bourgondiën, iċċitata iktar 'il fuq (punti 44 u 45) li jsemmu l-Artikolu 39 KE.

51 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2003, Mau (C-160/01, Ġabra p. I-4791, punt 34).

52 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1960, Humblet (6/60, Ġabra p. 1125); tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, Ġabra p. I-5357, punt 36), kif ukoll tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02, Ġabra p. 723, punt 64).

V — Konklużjoni

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb għad-domandi preliminari mressqa mis-Centrale Raad van Beroep kif ġej:

"1) L-Artikoli 28, 28a u 33 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament (KE) Nru 118/97 tal-Kunsill, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, il-paragrafu 1(a) u (b) tat-Taqsima R tal-Anness VI tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 29 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 tal-Kunsill, tal-21 ta' Marzu 1972, li jistipula l-proċedura għall-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 311/2007 tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Marzu 2007, ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li skontha l-Istat Membru responsabbli mill-ħlas tal-pensjoni, minn naħa jobbliga lil persuna intitolata għal pensjoni tirreġistra ruħha mal-istituzzjoni inkarigata mill-assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa fl-imsemmi Stat u min-naħa l-oħra timponi ż-żamma ta' kontribuzzjoni mill-pensjoni ta' din il-persuna, anki jekk ma hijiex irreġistrata mal-istituzzjoni tal-Istat Membru fejn tirresjedi kif previst fl-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 574/72, hekk kif emendat.

2) L-Artikoli 18 KE u l-Artikolu 39 KE ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-kontenut tagħha huwa mfakkar iktar 'il fuq, sakemm, u hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifikah, fil-kuntest ta' riforma li tintroduċi tali dispożizzjoni fil-liġi interna tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa miżuri intiżi sabiex jiggarantixxi l-kontinwità tal-livell ta' protezzjoni globali li qabel kien ipprovdut mill-kuntratti ta' assigurazzjoni għall-mard privata fir-rigward ta' persuni assigurati residenti fit-territorju nazzjonali, mingħajr ma jipprovdi għal miżuri ekwivalenti fir-rigward ta' persuni assigurati li jkunu użaw id-dritt tal-moviment liberu li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni."